# FUQ IR-REDIFFUSION

Lejlet li kelli nitkellem minn fuq ir-Rediffusion, ma stajtx nagħlaq għajn ma' oħra: għalxejn domt is sigħat nitqalleb ġo soddti u nitgħatta bl-ifirxa sa rasi. Ma stajtx naf b'ngħas. Saħansitra l-arloġġ li kelli ħdejn rasi fuq il-komodina ħassejtu jdejjaqni bit-tektik tiegħu meqjus u bla hedu. Kelli noħroġ mis-sodda u nwarrab f'kamra oħra. Ħsibt li mingħajr it-tektik ta' l-arloġġ kont sa norqod; imma kollox kien ta' xejn. Issa kien it-tħaxwix tas-sigar fil ġnien ta' taħt kamarti li beda jtajjarli ngħasi. Għalxejn imteddejt wiċċi 'l isfel, u mbagħad dort wiċċi 'l fuq, fl-ebda qagħda ma stajt insib mistrieħ. Ħtieġli nixgħel id-dawl noħroġ mis-sodda, inkebbes il-pipa u noqgħod naqra għal ma nafx kemm-il siegħa, sa ma għajnejja bdew idemmgħu u rasi ħassejtha titqal. Warrabt il-ktieb minn quddiemi, dħalt fis-sodda, tfejt u ma domtx wisq li ma ntliftx f'raqda fil-fond sewwa.

L-għada fil-għodu kienu t-tmienja u nofs meta stenbaħt, u sad-disgħa ridt inkun ilħaqt ilbist, qaxxart il-leħja u wasalt l-Uffiċċju tar-Rediffusion. Ilbist qisni miġnun, qaxxart il-leħja fuq fuq—u qtajt ilħiti darbtejn—u tlaqt il barra aktar niġri milli nimxi.

Meta l-arloġġ ta' San Ġwann kien qed idoqq id-disgħa, jien kont għadni kemm ksirt għan-niżla ta' wara San Franġisk.

Fil-bieb tar-Rediffusion kien hemm tistennieni xbejba rqiqa, b'xagħarha qastni mimxut 'il fuq minn quddiem u magħmul romblu minn wara, liebsa l-iswed u mqaċċta. Laqgħetni b'nofs tbissima :

"Ħsibniek mintix ġej, Sur Għaxaq."

"Id-disgħa għadhom kemm daqqew issa," għedtilha nilheġ.

"Għax taf inti," issoktat ix-xbejba, "il-programmi tagħna mqassmin wara xulxin b'mod li ftit minuti jagħmlulna divrenzja."

Sadattant dħalna f'kamra żgħira minn fejn kelli nitkellem. Fuq rasna xegħel dawl aħmar, u minnufih instama' minn kamra oħra d-daqq ta qniepen sbieħ. Imbagħad, ix-xbejba ta' ħdejja ressqet fommha qrolli lejn il-mikrofonu u qalet :

"Qegħdin tisimgħu mill-Uffiċċju tar-Rediffusion. Is-Sur Fred Għaxaq sa jitkellem fuq : Sehem ix-Xjuħ fil-Gwerra."

Ix-xbejba warrbet fuq truf riġlejha u jien bqajt waħdi hemm ġew. Waħdi u fl-istess ħin b'Malta quddiemi. Ħarist madwari: ma kien hemm ħadd min iwennisni u jagħmilli l-ħila. Daħħalt idi fil-but u ħriġt it-taħdita li kelli nagħmel.... iżda minnflok, sibt li fil-fixla ta' dik il-għodwa kont qbadt bi żball mazz karti oħra li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dak li ridt nitkellem fuqu.

Telgħetli fawra għal rasi; ħassejtni negħreq kollni kemm jien. Ma kienx hemm żmien x'nitlef: kull waqt li jgħaddi bla ma nkun għadni lissint kelma, bdejt narah qisu siegħa, u kelli għalhekk nitkellem bl-amment fuq dak li qabel kont domt jumejn nikteb u nħassar u nbiddel sa ma ħareġ jogħġobni.

"Il-lum sa nkellimkom fuq is-sehem li għandhom ix-xjuħ fil-gwerra."

Ħassejtni ma bdejtx b'leħen tajjeb u xtaqt kieku nerġa' nibda mill-ġdid. Leħni kien maħnuq u mhux safi bħal meta qgħadt nipprova waħdi d-dar quddiem it-tastiera tas-sodda. Issa, madankollu, ma stajt nagħmel xejn, il-kliem ma stajtx niġbru mill-ġdid ġo fija u ngħidu aħjar. Ħtieġli nissokta:

"Taħsbux li x-xjuħ kollha huma ta' toqol fuq il-pajjiż."

Erġajt waqaft għax nifsi ħassejtu qed jinqatagħli. Quddiem għajnejja bdew ġejjin bosta wċuħ ta' nies li jien nistħi minnhom u li f'dak il-ħin stħajjilthom qegħdin jisimgħuni. Ftakart fi ħbiebi u rajthom imdawrin ma' mejda ta' xi kafè, jiddieħku bija meta jisimgħuni ntemtem u maħnuq.

Ridt inkompli, imma ma stajtx insib kliem xi ngħid; lanqas stajt niftakar x'kont ktibt jumejn qabel. Għamilt il-ħila lili nnifsi u rġajt bdejt:

"Għall-kuntrarju, kemm hawn xjuħ li qegħdin igħinu għarrebħa, b'xogħol li ma jingħarafx minn dak li jsir minn irġiel imħarrġa u ta' saħħa."

Waqaft mill-ġdid biex nistrieħ mit-tferfir li kont qed inħoss f'qalbi. Deherli qiegħed nara mit-tond tal-mikrofonu eluf ta' għajnejn iħarsu lejja biex jaraw x'sa ngħid iżjed, u fl-istess waqt ġibt quddiem għajnejja eluf ta' nies ikemmxu xofftejhom u jidħku b'dak li semgħu, jekk mhux ukoll lesti biex ifaqqgħu daħka f'wiċċi hekk kif jiltaqgħu miegħi fit-triq. Ħassejtni ili s-snin quddiem il-mikrofonu, wiċċ imbwiċċ mal-pubbliku, mingħajr ma nista' ngħid kelma oħra.

Dawwart ħarsti kollha ħniena mal-kamra biex nara kienx hemm min jitħaddet minnfloki. Ma deher ħadd. Jien, ngħid is-sew, ħassejtni qed ninfena dak il-ħin u ntlaqt b'rasi mgħaddsa fuq il-mikteb ta' quddiemi.

Minnufih smajt il-lukkett tal-bieb jinfetaħ. Ħarist u sibt lix-xbejba tal-libsa sewda riesqa lejja. Għamlitli sinjal biex ma nitkelliemx u resqet lejn il-mikrofonu:

"Jisgħob bina li minħabba fi ħsara żgħira li ġratilna fil-kurrent ma stajtux tisimgħu t-taħdita li kellu jagħmel is-Sur Fred Għaxaq. Il quddiem navżawkom meta jkun sa jitkellem mill-ġdid. Issa l-programm jissokta kif imħabbar b'diski ta' opri."

Ħriġna minn hemm ġew u kif konna fil-kuritur, ix-xbejba daret fuqi u qaltli:

"Riżqek ħażin, Sur Għaxaq, lanqas ilħaqt bdejt li ma ġratilniex il-ħsara. Nittamaw li ma ndumux ma nisimgħuk."

Jien iżżejtha ħajr, sellimtilha u tlaqt niġri 'l barra li ma jmorrux ifettlilhom isejħuli biex nitkellem dak in-nhar stess.

Minn dik il-għodwa għadni ma għaddejtx minn quddiem l-Uffiċċju tar-Rediffusion: dak l-imkien sirt nistkerrhu; imma meta nisma' 'l ħaddieħor jitkellem minn fuq ir-radju, ma niflaħx ma ngħidx lili n-nifsi: "Kemm hawn min ma jqishiex biex jitkellem quddiem il-mikrofonu! Jien, ngħid għalija, żgur li ma nerġax nersaq quddiemu, lanqas jekk iweghduni nofs il-ġid tad-dinja."

Wara kollox, min jaf x'għad nagħmel ukoll jekk ma jwegħduni xejn!

VIC. APAP